MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1089/2004

**Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C 113)**

**Vs**

**Joseph Busuttil u Doreen sive Doris Busuttil**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm647.62c (sitt mija u sebgha w erbghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu) rapprezentanti prezz ta' xorb mibjugh u kkonsenjat lill-konvenuti.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr Stephen Muscat li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm647.62c (sitt mija u sebgha w erbghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------